# EPIGRAMMI

## VI. Fuq Kulħadd: Bis-Sarkażmu

### 110. L-EPIGRAMM

Qasir, qasir, ’mma daqs l-għanjiet it-twila
jgħid storja kbira f’erba’ versi qsar;
u spirtu pront bħall-qosra, lsienu jniggeż,
għandu l-essenza fih bħall-fliexken żgħar.

### 111. IL-PRODOTTI TA’ MALTA

Tagħmel ġebel tal-franka u żonqor qawwi,
ħlewwa ta’ għasel, bjuda ta’ kittien,
lariġ tad-demm u ċentufolju mfewwaħ;
tagħmel velenu qawwi fuq l-ilsien.

### 112. KOLLOX MAT-TEMP

Kollox mat-temp; fil-Karnival il-ballu,
niżfnu u niżżagħbnu sa filgħodu tard;
f’Ħamis ix-Xirka nżuru s-Seba’ Knejjes
wara s-Salib b’għajnejna baxxi fl-art.

### 113. IL-ĠRIEDEN

Li kieku l-ġrieden kienu maltin bħalna,
kemm ilu li telaqhom il-qattus!
għax kieku jippruvaw li madwar għonqu
minn flok qanpiena jdendlu borża flus.

## 114. L-ATLETI MALTIN *

Kieku Mirone kellu jiskolpixxi
player malti tal-lum l-aktar famuż,
kien inaqqxilna player qed jixxottja
u b'idu wrajh iżomm borża bil-flus.

** Il-kittieb għandu quddiem għajnejh l-istatwa famuża tal-iskultur grieg antik Mirone magħrufa Discobulos li turi l-atleta qiegħed jitfa' d-discus.*

## 115. IL-PRODOTTI TA' GĦAWDEX

Jagħmel minn kollox: qamħ u silla u widna,
ġbejniet u frottijiet, u bajd u tjur;
ħażen ta' moħħ, tagħwiġ quddiem il-Qorti,
kollox barra income-tax għall-Kollettur.

## 116. WAQT TIEĠ FIL-PHOENICIA

Mejda daqsiex; kulħadd jimbotta u jaħtaf,
bil-kemm ma jġorrux magħhom it-tapiti;
il-waiter mingħajr moħħ, maħsul bil-għaraq,
jistagħġeb kemm hawn nies psatas puliti.

## 117. WAQT IT-TIEĠ

Ikel u xorb u żfin, kulħadd qed jifraħ,
l-għarajjes imdawrin ħelwin it-tnejn;
'mma l-aqwa gost li għandhom il-mistiedna
hu li qed jieklu u qed jixorbu b'xejn.

## 118. TALBA

Agħtina, Mulej tagħna, grazzja żgħira,
jekk trid minn fuqna jmur dan il-maltemp;
agħtina li fix-xogħol inxerrdu għaraq
u jkollna sabar daqs fil-passatemp.

## 119. IL-GĦORRIEF TAD-DINJA

Kemm huwa tqil tfiehem l-għorrief tad-dinja!
Dak Alla stess bil-għerf li kellu f'fommu
dam tlitt ijiem jitħabat biex ifehmhom,
u bit-taħbit nesa 'l missieru u 'l ommu.

## 120. IR-REKLAM FL-ISPIŻERIJA

Jgħid ir-reklam: "Duwa tal-għaġeb għandna
li jtella' x-xagħar, jinbiegħ nofs lira l-pinta!"
Ħdejn ir-reklam hemm l-ispiżjar il-qargħi,
u b'qargħa x'waħda din daqs qamar kwinta.

## 121. IŻ-ŻEWĠ KUĠINI

Peppa qiegħda ma' wieħed, Peppi m'oħra,
avolja Peppi u Peppa miżżewġin;
u Peppi jgħid li qiegħed mal-kuġina,
u Peppa tgħid li qegħda mal-kuġin.

## 122. IL-KOLLEZZJONI

Il-prostituta kellha kollezzjoni:
tobba, avukati, prinċep u mħallfin,
baħrin, xufiera, tlaleb u kenniesa:
kull min kellu f'idejh ħobża u xelin.

## 123. L-ARMLA

Dolor biex titma' t-tfal li kellha ltiema
biegħet l-għamara u beżgħet għal isimha;
biegħet il-ġhiez u deheb; 'mma meta fl-aħħar
ma fadlilha xejn biegħet ġisimha.

## 124. RUŻARJA

Rużarja temmen f'Alla u fil-Madonna,
u tgħid l'Alla Ħallieq, tal-ħlejjaq sid;
iżda temmen ukoll li qattus iswed
b'għajnejh ħodor fid-dar iġib il-ġid.

## 125. META MIET L-GĦANI XĦIĦ

Ġismu spiċċa f'tebut tal-ġewż imnaqqax,
f'qabar tar-rħam imdawwar bi ftit ħbieb;
ismu spiċċa f'ilsien u snien il-poplu
bħal biċċa laħam tinten f'ħalq il-klieb.

## 126. IL-WIRJA TAL-INBID – L-EŻAMINATUR

Kien hemm inbejjed bosta, u ħafna fini;
biex tagħżel kien tqil ferm; iżda l-aħjar
dehritlu t-togħma tal-inbid li minnu
sidu ftit qabel bagħatlu ġarra d-dar.

## 127. LIĠI IEBSA

Ġewwa d-dipartiment qalb l-iskrivani
il-liġi iebsa bronż u rispett m'hemmx;
'mma meta tidħol tfajla, il-liġi tibda
tirtab sakemm iddub bħas-silġ fix-xemx.

## 128. IL-BIEB TAL-LIĠI

Il-bieb tal-liġi iebes, b'xejn ma tiftħu,
lanqas b'elf daqqa b'mazza tal-azzar;
imbagħad ħaġa tal-għaġeb kif jinfetaħ
b'daqqa ta' ħames liri karti żgħar.

## 129. L-ALMANAKK

Maltemp tal-biża’: xita, ragħd u beraq;
ir-riħ bil-kemm ma jridx jaqleb id-dar;
f’kamarti l-Almanakk mal-ħajt iħabbar
bnazzi perfett, sema ikħal, baħar ċar.

## 130. WAQT PARTITA FOOTBALL...

Tiela’ s-*centre-forward* jiġri waħdu...
il-folla qed tistenna xi goal rari;
ix-shot għadda bis-saħħa fuq il-lasti,
’mma sieq ta’ wrajja daħlet sew f’nofs dahri.

## 131. BRUNETTE U BLONDE

Fis-sajf brunett bħan-nisa ta’ Tahiti
fix-xitwa blonde u ħamra daqs l-Ingliżi;
Ah! kieku tista’ tagħmel lill-għajnejha
żoroq jew suwed, u mhux dejjem griżi!

## 132. BIEX TIRBAĦ IL-LOTTERIJA

Ħadet biljett, semmietu sabiex tirbaħ
għal Santa Filomen, qaddisa kbira,
u jekk trebbaħha tnax-il elf, wegħditha
tixtrilha ġiżirana ta’ mitt lira.

## 133. IL-BILJETT TAL-LOTTERIJA

Lejlet il-Lotterija kulħadd jgħożżu,
grazzja jistenna minnu daqs qaddis;
l-għada tal-Lotterija jisbaħ kmieni
imneħħi mill-gwarniċ, mormi mal-knis.

## 134. L-INKWIET

Is-Sur Tonin biex jaħrab mill-inkwiet
telaq lejn Londra ma’ vapur sabiħ;
l-Inkwiet qabad u siefer ma’ Sky-Master,
u wasal Londra qablu jistennih.

## 135. IL-FOLLA

Il-folla bħal qaqoċċa wara l-ikla
tal-kċina timla’ l-mejda, il-platti, l-qiegħa;
u sewwa bħal qaqoċċa wara l-ikla
għandha rjus biss, ’mma l-ebda moħħ ġo fiha.

## 136. ID-DINJA

Ma tixbaħx lill-qaqoċċa li tqaxxarha
u ssib qalb ratba, kollha sugu fin;
iżda lill-basla, tqaxxar qoxra qoxra,
u fl-aħħar ma ssib xejn jew bonn ħażin.

## 137. IL-VAPUR

Għadda l-vapur u qanqal tranja kbira
li bandlet il-qxur kollha kull fejn tmur;
’mma meta jgħib fil-bogħod u tmut it-tranja,
min ser jiftakar iżjed fil-vapur?